4 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Michael Angelo Portelli

## Azzjoni Kriminali — Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Notifika — Rinunzja — Art. 689 tal-Kodiċi Kriminali

*Meta kawża tiġi differita "sine die", u tiġi riappuntata u deċiża wara li jkun għadda t-terminu preskrizzjonali ta' dik l-azzjoni, l-istess azzjoni hija estinta bil-preskrizzjoni, jekk fl-intervall ma jkunx sar xi att interruttiv ta' dik il-preskrizzjoni.*

*Billi l-imputat ikun deher fil-kawża meta ġiet riappuntata, u jkun assista għas-smiegħ tal-provi mingħajr ma jkun issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, b'daqshekk hu ma jiġix preġudikat fid-dritt tiegħu li jeċċepixxi l-preskrizzjoni; għax hi liġi li l-imputat jew akkużat ma jistax jirrinunzja għall-preskrizzjoni; u jekk ma jistax jirrinunzja għaliha espressament, "multo magis" ma jistax jirrinunzjaha taċitament.*

*L-att interruttiv tal-preskrizzjoni irid ikun ġie "notifikat" lill-imputat. Biex ikun hemm interruzzjoni tal-presprizzjoni jeħtieġ li*

*jkun hemm "notifika" ta' att tal-proċediment; u l-avviż verbali tar-riappuntament ma hux biżżejjed.*

Il-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Michael Angelo Portelli talli fil-11 ta' Awissu, 1954, għal xi s-7.10 p.m., saq motor-cycle numru 15511 minn St Andrew's Road, St Julian's, mhux fuq in-naħa tax-xellug tat-trieq u naqas jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa f'liwja; barra minn dan, minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, u billi ma osservax ir-relogamenti, ħabat ma' motor-jeep numru 13BH01 u għamlilha ħsara għad-dannu ta' l-Awtorità Militari;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 1955, li biha sabet l-imputat ħati u kkundannatu għall-piena ta' £1 ammenda;

Rat ir-rikors ta' l-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi meħlus minn kull imputazzjoni u piena;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appell hu bażat fuq il-motiv uniku tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni, peress li (kif jgħid l-appellant) mit-30 ta' Ottubru, 1954, meta l-kawża ġiet imqgħeda "sine die", sal-25 ta' Marzu, 1955, meta l-kawża ġiet riappuntata, għaddew aktar minn tliet xhur;

Il-proċess hu irregolari, kwantu għall-verbali. Għalkemm hu fatt, li d-data ta' l-ewwel appuntament fiċ-ċitazzjoni hi dik tal-15 ta' Ottubru, 1954, u li wara dik id-data l-kawża ma ġietx quddiem il-Qorti t'Isfel ħlief *fil-25* ta' Marzu, 1955 (fol.3) meta l-Maġistrat sedenti astjena u ħalla l-kawża "sine die", eppure ma hemm ebda verbal li jispjega l- għaliex il-kawża ma ġietx aktar quddiem il-Qorti Inferjuri fl-inervall bejn l-ewwel seduta, tal-15 ta' Ottubru, 1954, u l-25 ta' Marzu, 1955, meta ġie pronunzjat id-digriet ta' astensjoni. Fuq iċ-ċitazzjoni hemm, però, notament bil-lapis, magħmul preżumibbilment mill-iskrivan tal-Qorti, li jgħid:— "30/10/54 — sine die għax marid". Hemm ukoll, taħt, il-kliem "sine die";

Jidher, għalhekk, li l-kawża ġiet differita "sine die" darbtejn: l-ewwel darba fit-30 ta' Ottubru 1954, u reġgħet ġiet quddiem il-Qorti fil-25 ta' Marzu 1955; u t-tieni darba fil-25 ta' Marzu 1955 stess, fl-okkażjoni tad-digriet ta' l-astensjoni, u reġgħet ġiet quddiem il-Qorti fid-29 ta' Marzu 1955, u ġiet deċiża;

Ma rriżultax li fil-perijodu ta' kważi ħames xhur li kienet rinvijata l-ewwel darba "sine die" kien hemm xi notifiki lill-imputat tad-differimenti;

Issa, meta l-imputat deher tant fis-seduta tal-25 ta' Marzu 1955 kemm ukoll fis-seduta tad-29 ta' Marzu 1955 u f'din is-seduta ta' l-aħħar assista għas-smiegħ tal-provi, hu bl-ebda mod ma oppona li l-azzjoni kienet preskritta. Iżda dan il-fatt ma jippreġudikahx; għax hi liġi (art. 689 Kap. 12 Ediz. Riv.) li l-imputat jew akkużat ma jistax jirrinunzja għall-preskrizzjoni. Jekk ma jistax jirrinunzja espressament, "multo magis" ma jistax jirrinunzja taċitament;

Hu fatt ukoll li ma rriżultax li fil-perijodu fuq imsemmi l-imputat ġie notifikat b'xi att tal-proċediment; u qiegħed jingħad "notifikat", għax, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fl-20 ta' Settembru 1930, fil-kawża App. Krim. "Polizia vs Giorgia Schembri", Pres. Sir Arturo Mercieca, in konferma ta' deċiżjoni ċotta tal-kompjant Maġistrat Dr. Emm. Bartoli, u li fiha kien allura difensur l-Imħallef sedenti u kien issolleva l-eċċezzjoni akkolta mill-Qorti, jeħtieġ, biex tkun interrotta l-preskrizzjoni, li jkun hemm "notifika" ta' att tal-proċediment, u l-avviżi verbali ma humiex biżżejjed, għad li f'dan il-każ lanqas jidher li kien hemm xi avviż verbali;

L-appellat, però, qiegħed jassumi li l-preskrizzjoni hi dik trimestrali. Però għad li l-azzjoni miġjuba mill-Pulizija kienet oriġinarjament tikkonsisti f'żewġ imputazzjonijiet, fil-fatt il-Qorti t'Isfel sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni, li kienet rassorbixxi l-ewwel waħda; tant li ġie ċitat biss l-art. 342 Kap. 12, dwar danni involontarji. Issa, dik l-imputazzjoni hi ta' "delitt"; infatti l-piena hi priġunerija jew multa, għal-kemm tista' tkun anki dik tal-kontravvenzjonijiet. Il-preskrizzjoni relattiva għal dik l-imputazzjoni hi, għal-

hekk, ta' sentejn, u mhux tliet xhur (ara art. 683 (e) Kap. 12);

Hu ovvju li dak il-perijodu ma kienx għadda meta l-kawża ġiet rikjamata quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza. L-eċċepita preskrizzjoni, kwindi, ma hijiex sostnuta; u appell *mill-meritu ma hemmx;*

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.